# Il-Qari f'Ħaż-Żgħir

Adrian Grima

Il-Maltin huma l-inqas nies li jaqraw fl-Unjoni Ewropea. U ma nafux għaliex.

Stħarriġ li sar f'Malta fost 500 ruħ minn 15-il sena 'l fuq u xxandar mill-Unjoni Ewropea fl-aħħar tal-2007, sab li kienu biss 45 ruħ minn kull mija li qalu li qraw imqar ktieb wieħed f'sena fil-ħin liberu tagħhom. Din l-istatistika poġġietna l-aħħar fil-klassifika tal-qari tal-kotba fis-27 pajjiż tal-Unjoni. Marru ħażin ukoll il-Portugiżi (50%), iċ-Ċiprijotti (56%), ir-Rumeni (58%), u l-Ispanjoli u l-Griegi (59%). Fl-Italja l-persentaġġ kien ta' 63%, kważi 20% iktar minn Malta.

Fl-Iżvezja (87%), l-Olanda (84%), id-Danimarka (83%), ir-Renju Unit (82%), ir-Repubblika Ċeka (82%), il-Ġermanja (81%), u l-Islovakkja (80%), il-qarrejja ta' mill-inqas ktieb wieħed laħqu jew qabżu t-80%. Għalhekk dan l-istħarriġ ikkonferma r-riżultati ta' stħarriġ ieħor li kien sar fl-UE fl-2002 li kien sab li n-nies fit-Tramuntana tal-Ewropa jaqraw iżjed minn dawk fin-Nofsinhar.

M'għandniex biżżejjed tagħrif f'idejna biex inkunu nafu għaliex il-Maltin marru daqshekk ħażin. Dr. Ġorġ Mallia, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jemmen li m'għandniex insajru interpretazzjonijet mgħaġġla u nservu konklużjonijiet mhux misjurin qabel ma jkollna ħafna iktar informazzjoni dwar dak li qed jiġri f'Malta f'idejna. Issa jidher li l-Gvern impenja ruħu li dan l-istħarriġ komprensiv dwar il-qari f'Malta jsir fil-futur qarib.

Iżda ebda stħarriġ mhu se jagħtina ritratt "perfett" u spjegazzjonijiet definittivi. Il-ħila tagħna li nfasslu stħarriġ tajjeb u mbagħad li ninterpretaw l-informazzjoni se tkun determinanti. Sadattant, dak li għandna f'idejna diġà jissuġġerixxi xi ħsibijiet. Il-pubblikatur Joseph Mizzi jemmen li l-Maltin, "min-natura tagħhom," ma jħobbux jaqraw. "In-natura Mediterranja u Latina" tagħhom ma tħeġġiġhomx għall-qari. "Il-klima tagħna ma' ġġagħalniex naqraw u l-istatistika turina li aktar ma nitilgħu 'l fuq ġeografikament – u aktar ma s-sema jkun griż u mxarrab – aktar in-nies jibqgħu ġewwa u jsibu r-refuġju tagħhom fil-qari."

Nafu li n-nisa jaqraw iżjed mill-irġiel u l-Maltin jippreferu jaqraw bl-Ingliż milli bil-Malti. Nafu wkoll li *mill-inqas* 26,121 ruħ f'Malta u Għawdex, jew 7.2%, huma illitterati, u fosthom hemm mal-2,300 bejn l-10 u d-29 sena.

Hemm ukoll il-fatt, għalija sagrosant, li pajjiżna, għall-kuntrarju ta' pajjiżi oħra, mhu jagħmel xejn biex ikattar il-kultura tal-qari fost il-kbar. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed jagħmel li jista' bid-dedikazzjoni li għandu u bir-riżorsi limitati li ngħatawlu minn gvernijiet indifferenti. Imma jaf li hemm wisq iktar xi jsir u li l-ewwel pass wara li ssir ir-riċerka se jkun li titfassal

strateġija nazzjonali għall-promozzjoni tal-qari. Din se jkollha bżonn l-appoġġ sħiħ ta' klassi politika li s'issa, fil-biċċa l-kbira tagħha, kienet interessata f'ħafna affarijiet imma mhux fil-qari u mhux fil-kultura. (L-idea biss li timponi l-bini ta' Parlament fuq post fejn kien hemm ċentru prominenti ta' kultura tikkonferma din id-distanza, sikwit dikjarata, bejn ħafna mill-politiċi Maltin u l-kultura.)

Imma għandi interpretazzjoni iktar imqarba u forsi malizzjuża għan-nuqqas ta' qari f'Malta. Jista' jkun li bħan-nies tal-poter fir-raħal metaforiku ta' Ħaż-Żgħir ta' Ġużè Ellul Mercer, f'ċerti kurituri tal-poter f'oqsma differenti tas-soċjetà Maltija, mill-politika sal-Knisja, mill-mezzi tax-xandir sal-kultura nfisha, hemm min ma jridx li l-kotba jċaqilqu l-ilmijiet qiegħda.

Għax ktieb tajjeb kapaċi jisfida ċ-ċertezzi, iqanqal id-dubji, jaqleb id-dinja tagħna ta' taħt fuq. U allura jista' jkun li fis-soċjetà konservattiva tagħna li fiha ħafna nies fil-poter, f'oqsma differenti, moħħhom biss biex jiddefendu s-setgħa li għandhom minflok jużawha għall-ġid tal-komunità, hemm min jirraġuna li l-ktieb aħjar ma jkollux ħafna ħbieb. U forsi għalhekk ukoll fil-programmi fuq l-istazzjon nazzjonali tat-televiżjoni ftit li xejn isiru riferimenti għall-kontenut maħsub tal-kotba.

Fejn jidħlu l-attivitajiet kulturali, l-iktar li jħobbu jagħmlu ż-żgħażagħ Ewropej ta' bejn il-15 u l-24 sena huwa li jaqraw il-kotba u jmorru ċ-ċinema (it-tnejn 82%); u fost l-Ewropej ta' bejn il-25 u d-39 sena, il-qari huwa l-iktar attività kulturali popolari, waqt li ċ-ċinema hija t-tieni, b'66%. Fil-fatt hemm ħafna iktar żgħażagħ li jaqraw milli nies ta' 'l fuq minn 55 sena (63%), u dan minkejja li ħafna Ewropej jaħsbu li l-"kultura letterarja" qed tmajna fost iż-żgħażagħ minħabba li għandhom l-internet u midja awdjo-viżiva. Barra minn hekk, hemm ħafna indikazzjonijiet li l-internet qed jgħin sew fil-promozzjoni tal-qari tal-kotba.

L-istoriku tal-kotba u l-qari Jean-Yves Mollier jgħid li fi Franza l-għadd tal-qarrejja qed ikompli jikber. Fl-2006 kull persuna Franċiża xtrat jew issellfet medja ta' 10 kotba. Imma f'dak il-pajjiż stramb jemmnu fil-kotba u jemmnu fil-qari.

Il-libreriji jista' jkollhom sehem kbir fit-tkattir tal-qari fost il-Maltin, imma biex dan iseħħ iridu joffru wisq iktar faċilitajiet milli qed joffru llum u jridu jneħħu minn fuq spallejhom kull ħjiel tar-rwol ta' difensuri tal-"moralità" pubblika. Meta staqsejt lill-kittieb u l-pubblikatur Aðalsteinn Ásberg Sigurðsson hemmx ċensura fl-Iżlanda, gżira iżgħar minn Malta b'passjoni ħafna ikbar għall-kotba u l-qari, qabad jidħaq.

Jekk il-qarrejja Maltin jieħdu l-impressjoni li l-librerija hija spazju konservattiv maqtugħ mil-lingwaġġ u mir-realtajiet soċjali tal-ħajja ta' kuljum fis-seklu wieħed u għoxrin mhumiex se jersqu lejha. Fi Franza l-librerija pubblika tant

hi popolari li hija l-iktar post kulturali li jintuża wara ċ-ċinema; f'Malta 75% tan-nies ma jidħlux f'librerija. Imma donnu ftit huma dawk li jimpurtahom.

*Dr.* ***Adrian Grima*** *huwa senior lecturer fl-Università ta' Malta u awtur, fost l-oħrajn, ta'* Ħożż fl-Ilma. Il-Kotba, il-Qari u l-Baħar *(Edizzjoni Skarta, 2008). www.adriangrima.com – www.skarta.org*

---

Verżjoni ftit iqsar ta' dan l-artiklu ġiet ippubblikata fil-gazzetta *Illum* (14.12.08)
http://www.illum.com.mt/2008/12/14/ilpunt.html